MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 859/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**MANWEL DEGABRIELE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Manwel Degabriele ta’ 19– il sena, bin Peter u Marianna nee’ Camilleri, mwieled nhar fit- 12 ta’ Awissu, 1989, u residenti fil- fond numru 80, Triq San Frangisk, Bormla, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 517289(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Sbieh it- 18 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' bejn is-1.30 u l- 5.30 ta' filghodu, filwaqt li kien gewwa l- fond numru 73, Casa Delle Alpi, Sqaq numru 3, Triq il- Grazzji, Zabbar, ikkommetta serq ta' mobile phone tal- ghamla Sagem, mudell MY- 800X u bin- numru ta' l-IMEI : 359991000103710, liema valur tal- imsemmi mobile phone hu ta' 163.00 Euros, ghad- dannu ta' Victon Bouvett u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil- persuna, bil- lok u bil- hin;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, f' Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement b'kull mod , indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3) Kif ukoll akkuza talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta liema saru definittivi

4) Barra minn hekk talli, Manwel Degabriele kiser il-kudnizzjonijiet imposti fuqhu mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit- 12 ta' Marzu 2007

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kontra tieghu, wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi biex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi din m'hix l-ewwel darba li l-imputat kellu akkuzi kriminali kontra tieghu, u dan jidher car mill-fedina penali esebita fl-atti. B'din l-ammissjoni l-imputat ma halla ebda triq ohra ghall-Qorti hlief li tghaddi biex taghti l-piena idoneja. Ghawnhekk il-Qorti kif presjeduta thossha kemmxejn perplessa. Din il-Qorti m'hix l-ewwel darba li hasset li kellha taghti piena ta' priguneruja effettiva, u dan ghamlitu f'diversi kawzi ma' diversi persuni mressqa quddiemha. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha "gut feeling" li l-imputat jimmerita li jinghata opportunita' ohra li jirranga t-triq li qabad, u dan qed jinghad wara li semghet lill-Ufficjal tal-Probation tal-istess imputat jinforma lill-Qorti dwar l-andament tieghu, u wara li semghet ftit lill-istess imputat informalment fis-seduta. L-imputat ma jidherx li hu wiehed li gia' iddecieda li hajtu ser tkun battalja sfrenata kontra l-ligi, kif gieli kellha okkazjoni tara f'persuni ohra, izda jidher li ghandu bzonn ta' hafna sorveljanza fuqu. U ghalhekk sejra taghti opportunita ohra – li ser tkun l-ahhar wahda – biex l-imputat jattendi ghal laqghat mal-Ufficjal tal-Probation tieghu, josserva kull direttiva u ordni li tighatalu, u joqghod ghal ezamijiet tal-urina kull meta dan ikun mehtieg u ordnat lilu. Fl-eventwalita' li dan ma jsehhx, allura l-imputat ikun tilef din l-ahhar okkazjoni ghall-ghinuna, u jkollu s-sentenza tieghu kkonvertita f'wahda ta' prigunerija effettiva skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 268, 269, 270, 334, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu7 tal- Kapitolu 446 ghal perijodu ta' 3 snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------